25 ta' Marzu, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Joseph Attard ne. *versus* Joseph Cutajar

**Atti Gudizzjarji — Ċitazzjoni — Kawżali — Korrezzjoni — Art. 175 (1), 155 (1) u 211 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-Qorti tista' f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, sew minn jeddha sew fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitnaqqas l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor f'loku, inkella billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew żball ieħor, jew billi jiġu mdaħħla ukoll per mezz ta' nota separata, ħwejjeġ oħra dwar il-fatt jew il-liġi; basta li ebda tibdil bħal dan ma jkun ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni.*

*Ir-raġuni tat-talba fiċ-ċitazzjoni għandha tiġi mfissra ċar u sewwa, u ma tistax tiġi mibdula jew aġġunta; u l-Qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni, u ma tistax tiddeċidi fuq xi dritt ieħor li jkun jirriżulta, imma ma jkunx jidħol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni, ħlief fil-każ ta' domanda quddiem Qorti Ċivili Inferjuri.*

*Fil-każ preżenti, dawn ir-regoli ġew applikati fis-sens li l-Qorti ċaħdet it-talba għall-korrezzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni fejn kienet mitluba somma għall-prezz ta' ġir, meta fil-fatt is-somma kienet dovuta għall-prezz ta' siment.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £11, prezz ta' ġir lill-istess konvenut mibjugħ u konsenjat; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Frar 1954;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta illi l-istess attur għandu jieħu minn għand il-konvenut is-somma ta' £11 mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni, però mhux bħala prezz ta' ġir, imma, minflok, bħala prezz ta' siment li ġie minnu mibjugħ u konsenjat lill-konvenut;

Illi għalhekk l-attur talab li fl-att taċ-ċitazzjoni ssir korrezzjoni, billi l-kelma "ġir" tiġi sostitwita bil-kelma "siment";

Illi skond l-art. 175 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, "Il-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, sew minn jeddha, sew wara talba ta' waħda mill-partijiet, tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor f'loku, inkella billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew żball ieħor, jew billi jiġu mdaħħla, ukoll bil-mezz ta' nota separata, ħwejjeġ oħra dwar il-fatt jew il-liġi; basta li ebda tibdil bħal dan ma jkun ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni";

Illi l-imsemmija tibdila fl-att taċ-ċitazzjoni ġġib magħha tibdila fil-"pretiża" li l-attur ġieb 'il quddiem bħala oġġett tal-litiġju; għaliex, fil-waqt li fl-att taċ-ċitazzjoni fisser illi l-pretensjoni tiegħu hija dik li jitħallas tal-prezz ta' ġir li biegħ u kkonsenja lill-konvenut, jekk issir l-imsemmija tibdila l-pretensjoni tiegħu ma tibqax li jitħallas tal-prezz ta' dak il-ġir, imma tal-prezz ta' siment — pretensjoni għal kollox differenti. Titbiddel, per konsegwenza, id-domanda in kwantu għall-kawża li hija l-oriġini ta' l-istess domanda; għaliex il-kawża tad-domanda, ir-raġuni ġuridika tagħha, il-"fundamentum agendi", hija l-vendita ta' dak il-ġir imsemmi fl-istess talba, u mhux ta' ħaġa oħra;

Illi skond l-art. 155 (1) tal-Kodiċi ċitat, ir-raġuni tat-talba għandha tiġi mfissra ċar u sewwa ("correctly" fit-test Ingliż, "con certezza" fl-abolit test Taljan), u ma tistax tiġi mibdula jew aġġunta; u kif jirriżulta mid-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 211 ta' l-istess Kodiċi ċitat, din il-Qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni, u ma tistax tiddeċidi fuq xi dritt ieħor li jkun irriżulta, imma ma jkunx jidħol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni; għaliex, skond iċ-ċitata dispożizzjoni tal-liġi, dan il-poter jikkompeti biss, fl-Ewwel Grad, lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta u lil dik ta' Għawdex u Kemmuna fil-Ġurisdizzjoni Tagħha Inferjuri;

Illi l-korrezzjoni mitluba tmur kontra dak li l-liġi tid-

disponi fl-imsemmija artikoli 155 (1) u 211 tal-preċitat Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u kwindi ma tistax tkun kompriża f'dawk il-korrezzjonijiet illi l-istess liġi tippermetti fl-imsemmi art. 175 (1), mnux bl-intendiment li teżonera lil min jirrediġi atti ta' proċedura milli josserva r-rit u mill-konsegwenzi tal-vjolazzjoni tal-preċetti proċedurali, speċjalment meta dawn huma intiżi biex jassikuraw lill-konvenut jew lill-intimat indikazzjoni kjara tar-responsabilità ċivili li tkun qiegħda tiġi addebitata lilu (Kollez. XXIV—1—874, "Theuma vs. Rolando Speranza");

Illi huwa veru li s-sistema tal-leġislazzjoni u ġurisprudenza moderna jmil biex jevita l-moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-kawżi, u biex jiddiminwixxi l-ispejjeż, billi jiskoraġġixxi liberazzjonijiet u nullitajiet dovuti għal sempliċi żbalji, kif kien isir fl-antik bil-formaliżmu riġidu ta' allura, wisq sever, u mingħajr rigward għall-interessi tal-kontendenti u ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja in ġenerali (Kollez. Vol. VIII, pag. 816, "Pace Balzan vs. Ellul", Appell; Kummerċ "Scicluna vs. Carbone", Vol. XXIX "Camilleri vs. Abdilla", P. II, p. 700). L-iżball, però, kif jingħad fis-sentenzi ċitati, irid ikun sempliċi, kif inhi l-liġi Maltija, kif del resto jingħad fis-sentenzi ċitati, u jrid ikun bħal dawk l-iżbalji li l-liġi tikkontempla fil-preċitat artikolu 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi s-sens prattiku ċertament ma jistax jasal sal-punt li jmur kontra l-imsemmijin dispożizzjonijiet, kontenuti speċjalment fl-artikoli ċitati 155 (1) u 211 tal-Kodiċi Ċivili tal-Proċedura Ċivili, ġa la darba l-Liġi Maltija tirrikjedi illi l-kawża tat-talba għandha tiġi preċiżament imfissra, illi l-Qrati Superjuri ma jistgħux jiddeċidu fuq dritt ieħor li ma jidħolx "sewwa" fit-talba kif imfissra fiċ-ċitazzjoni, u li, biex żball fl-iskritturi jkun jista' jiġi korrett, irid ikun żball wisq sempliċi, tali li ma jbiddelx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni, jiġifieri d-dritt li minnu, kif jgħid Mattirolo (Vol. I, 21), tiddependi l-azzjoni, fi kliem ieħor, il-preteża u d-difiża u s-sentenza, billi, kif igħid Mortara (Vol. II, p. 536), l-azzjoni hija r-rapport proċesswali, in-nozzjoni tagħha hija dik stess tal-ġudizzju. Ġa la darba, jingħad darb'oħra, dawn huma l-

eżigenzi tal-liġi tagħna, ma nistgħux ninjorawhom lanqas meta jinħass illi kien ikun aħjar u aktar razzjonali kieku ma kienx hemm dik l-impożizzjoni dogmatika. Bid-dispożizzjoni kontenuta fl-imsemmijin artikoli 175, 155 u 211, tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-liġi wriet sa fejn trid tasal biex tiffaċilita l-korrezzjoni u l-ispjegazzjonijiet neċessarji in konnessjoni mad-domandi, u ma nistgħux immorru aktar 'l hemm minnha;

Fil-Liġi Taljana, id-dispożizzjoni relativa għall-enunċjazzjoni tar-raġuni ta' l-azzjoni fl-att taċ-ċitazzjoni ippermettiet, bl-interpretazzjoni razzjonali tagħha, li l-kawża tista' tiġi mibdula; imma d-dispożizzjoni tal-liġi Taljana hija differenti minn dik tal-liġi tagħna; għaliex, fil-waqt li l-liġi tagħna tippresupponi l-enunċjazzjoni ċara u preċiża tat-talba, il-liġi Taljana trid biss illi fiċ-ċitazzjoni jiġu enunċjati "in compendio i fatti, e con essi gli elementi di diritto costituenti la ragione dell'azione". Dina l-indikazzjoni sommarja tista' tħalli l-"causa petendi" mhux determinata sewwa, mingħajr ma tidderiva minn hekk in-nullità ta' l-att, li jista' jiġi korrett, u tista' tiġi aġġunta jew sostitwita kawża oħra;

Aktar skjett u sigur hu s-sistema dikjarat fil-leġislazzjonijiet l-aktar reċenti. Skond ir-regolament awstrijaku u l-kodiċi ġermaniku riformat, it-talba, kemm fil-kwalità kemm fil-kwantità, tista' tiġi mibdula mhux biss meta l-konvenut jagħti l-kunsens tiegħu b'manifestazzjoni espressa jew taċita, imma anki meta huwa ma jakkonsentix jew jagħmel oppożizzjoni, purkè jkun jidher lill-ġudikant illi l-mutament ma jkunx ta' deni lid-difiża u lid-diskussjoni tal-kawża, u li d-deċizjoni ma tkunx sejra b'hekk issofri ritardi u diffikultajiet;

Illi l-Qrati Tagħna, dejjem għal korrenti tal-leġislazzjonijiet u tal-ġurisprudenza esteri, u kompriżi mill-bontà u mirrazzjonalità ta' dik is-sistema li tmil biex tevita kemm jista' jkun, taħt il-fren moderatur tal-ġudikant, il-moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti, u biex tnaqqas l-ispejjeż, dejjem urew ruħhom lesti biex, kemm jistgħu u safejn jistgħu, ineħħu minn dak ir-rigur dwar l-identika kelma tal-liġi li jikkostitwixxi s-sistema antik tal-formoli solenni li l-lum qiegħed jiġi

al-bandunat, u għalhekk iddeċedew in bażi għall-ekwipollenza meta d-domanda setgħet tikkomprendi anki d-dritt li jkun irriżulta;

Illi, però, fil-każ in diżamina, ma jistax jiġi provvdut fil-meritu in bażi għall-ekwipollenza, għaliex id-domanda għall-ħlas ta' prezz ta' ġir ma tikkomprendix per ekwipollenza l-ħlas tal-prezz ta' siment, billi hu risaput li tant fil-lingwaġġ komuni, kemm f'dak ġuridiku u loġiku, ekwipollenti huma dawk il-propożizzjonijiet li, sebbene ma jirriżultawx mill-istess kliem, jesprimu però l-istess ġudizzju, li jistgħu jiġu sostitwiti waħda għall-oħra, u għalhekk jissejħu wkoll *reċiproċi* jew *konvertibili*;

Għall-motivi premessi;

Fil-kontumaċja tal-konvenut;

Tirrespinġi t-talba ta' l-attur għat-tiswija ta' l-iżball, imsemmija fil-parti razzjonali tas-sentenza;

Tirrespinġi t-talba tiegħu, billi mill-istess depożizzjoni *tiegħu jirriżulta illi l-konvenut mhux debitur lejh għall-prezz* ta' xi ġir; salva favur ta' l-istess attur kull azzjoni oħra kontra l-konvenut għall-prezz ta' siment "si et quatenus";

Tordna li l-ispejjeż jitħallsu mill-attur.